# Manwel Galea
## (Pinġa aktar minn 500 xbieha ta' San Ġwann)



Anton Galea

Min kien jgħaddi minn Pjazza San Ġorġ. ir-Rabat Għawdex minn qabel it-Tieni Gwerra Dinjija sal-lum, kien u għadu jsib ma' wiċċu bosta u bosta ħwienet. Wieħed minnhom kien ta' Manwel Galea, li ħadem fih bħala parrukkier mill-1926 sal-1971. Dan ma kienx l-uniku mestier tiegħu għax meta kien jippermetti l-ħin kien jintefa' quddiem il-kavallett biex ipinġi. Hu kien magħruf ukoll għad-disinni tal-bizzilla li kien jagħmel.

Manwel qatt ma tgħallem l-arti tal-pittura. Kienet tinsab naturali ġo fih . Kien ħafif fuq il-pinzell biż-żebgħa taż-żejt u kien ipinġi kwadri pajsaġġi tal-kampanja u kwadri-ritratti. Imma l-iktar suġġett li kien għal qalbu kienu l-kwadri titulari tal-qaddisin tal-parroċċi t'Għawdex u Malta.

Fi żmienu kienet drawwa illi min ikun ser itejjeġ kien jordna kwadru bil-pittura tal-qaddis titulari tal-belt jew raħal tiegħu. Jiġifieri jekk wieħed minn Ta' Sannat kien jieħu b'martu waħda minn Għajnsielem, kien jordna pittura ta' Santa Margerita u hi pittura tal-Madonna ta' Loretu. Dawn iż-żewġ figuri b'pittura devozzjonali kienu jiddendlu l-iktar fil-kamra tas-sodda tal-miżżewġin. Il-kwadri kienu jikkonsistu f'tilar tal-injam xi tliet piedi u nofs bi tnejn li miegħu kienet tiġi stirata t-tila jew xoqqa. Manwel kien jagħtiha żewġ passati bjankett u wara kien iħażżeż numru ta' kaxxi biex jgħinuh ikabbar l-istampa tal-qaddis jew qaddisa proporzjonalment. Ġie li kien juża t-tavlozza, imma l-biċċa l-kbira l-kuluri minn ġo l-istoċċijiet kien iħallathom fuq biċċa ħġieġa u minn hemm japplikahom fuq it-tila. Meta kien ikollu bżonn jiksi firxa kbira bl-istess kulur kien juża reċipjenti tal-landa u jħallat ż-żebgħa fihom.

Nies Għawdxin li kienu jsiefru għall-Awstralja, l-Amerka jew il-Kanada kienu jieħdu pittura tal-qaddis magħhom. Dawn l-emigranti kienu jobormu t-tila f'forma ta' romblu u jpoġġuha għat-tul fil-bagalja. Imbagħad kienu jixtru l-gwarniċ wara li jaslu s-safar.

Meta darba staqsejtu kemm pinġa qaddisin titulari, dritt qalli, "San Ġwann tax-Xewkija! Fuq ħames mija". Manwel ma pinġiex biss l-istatwa li nsibu fir-Rotunda, dak ta' San Ġwann l-Għammiedi, imma anke dak ta' Ġwanni bħala tifel. bil-ħarufa maġenbu (ara ritratt). -. Ix-xogħol tiegħu kien jifirmah bl-inizjali *Emm. Galea* jew *E.Galea*. Kważi kull pittura li kien jagħmel kien iniżżel id-data ta' meta kienet issir.

Manwel Galea kien kompla ċertu tradizzjoni ta' pittura minn dilettanti u li wara komplewha bil-fotografija. Hu twieled fil-25 ta' Marzu 1906, festa tal-Lunzjata, u miet fl-20 ta' Settembru 1971. Kien partitarju kbir u bandist mal-Banda *La Stella*.

